

## PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

### KUMMISSJONI

#### Avviż ta' l-iskadenza ta' ċerti miżuri pendenti kontra d-dumping

(2007/C 238/09)

1. Kif previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 <sup>(1)</sup> dwar il-ħarsien mill-importazzjoni *dumped* minn pajjiżi li m'humiex membri tal-Komunità Ewropea il-Kummissjoni tavża li sakemm issir reviżjoni skond il-proċedura, il-miżuri kontra d-dumping imsemmija hawn taħt jiskadu fid-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

#### 2. Il-Proċedura

Produtturi Komunitarji jistgħu jagħmlu talba bil-miktub għal reviżjoni. Din it-talba jrid ikollha biżżejjed evidenza li turi li l-iskadenza tal-miżuri probabbilment tirriżulta f' kontinwazzjoni jew repetizzjoni ta' dumping u ħsara.

Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tirrevedi l-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż li jesporta u l-produtturi Komunitarji mbagħad jiġu pprovduti bl-opportunità li jsaħħu, jirribattu jew jikkumentaw dwar il-kwistjonijiet li jinsabu fit-talba.

#### 3. Limitu ta' żmien:

Produtturi Komunitarji jistgħu jressqu talba bil-miktub għal reviżjoni fuq il-bażi msemmija hawn fuq, li trid jasal għand il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ (Taqsim H-1), J-79 5/16, B-1049 Brussel <sup>(2)</sup> fi kwalunkwe żmien mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż preżenti iżda mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

4. Dan l-avviż huwa pubblikat skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96.

Prodott	Pajjiż(i) ta' l-oriġini jew ta' l-esportazzjoni	Miżuri	Referenza	Data ta' l-iskadenza
Fittings ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew ta' l-azzar	Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina It-Tajlandja It-Tajwan	Dazju anti-dumping	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 964/2003 (ĠU L 139, 6.6.2003, p. 1) kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1496/2004 (ĠU L 275, 25.8.2004, p. 1) u estiż biex jirrigwarda ċ-Ċina għal importazzjonijiet ikkunsinnjati mill-Indoneża mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2052/2004 (ĠU L 355, 1.12.2004, p. 4) u importazzjonijiet ikkunsinnjati mis-Sri Lanka mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2053/2004 (ĠU L 355, 1.12.2004, p. 9) u importazzjonijiet ikkunsinnjati mill-Filippini mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 655/2006 (ĠU L 116, 29.4.2006, p. 1).	7.6.2008

<sup>(1)</sup> ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1) Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

<sup>(2)</sup> Telefax : (32-2) 295 65 05.